**Parlament Ewropew**
2019-2024

*Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

**AGRI_PV(2019)1104_1**

# MINUTI

Laqgħa tal-5 ta' Novembru 2019, 9.00-12.30 u 14.30-18.30

BRUSSELL

Il-laqgħa bdiet nhar it-Tlieta 5 ta' Novembru 2019, fid-9.08 u kienet preseduta minn Norbert Lins (President).

**1. Adozzjoni tal-aġendaa** AGRI_OJ(2019)1104_1

L-aġenda ġiet adottata.

**2. Avviżi tal-President**

Xejn.

**3. Approvazzjoni tal-minuti tal-laqgħat ta'**

- 25 u s-26 ta' Settembru 2019 PV – PE641.296v02-00
- 1 ta' Ottubru 2019 PV – PE641.441v01-00
- 7 u t-8 ta' Ottubru 2019 PV – PE641.452v01-00
- 8 ta' Ottubru 2019 PV – PE641.440v01-00

Il-minuti ġew approvati.

******Votazzjoni elettronika******

**4. Ftehim bejn l-UE u l-Istati Uniti tal-Amerka dwar l-Allokazzjoni ta' Sehem fil-Kwota Tariffarja għall-importazzjonijiet ta' laħam taċ-ċanga ta' kwalità għolja**
AGRI/9/00614

*** 2019/0142(NLE) 10681/2019 – C9-0107/2019

Rapporteur għal opinjoni: Herbert Dorfmann

L-abbozz ta' opinjoni ġie adottat: favur: 33; kontra: 7; astensjonijiet: 3.

***Kelliem:*** Norbert Lins

**5. Konklużjoni tal-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukrajna li jemenda l-preferenzi kummerċjali għal-laħam tat-tjur u preparati tal-laħam tat-tjur previsti fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra**
AGRIi/9/00530

*** 2019/0132(NLE) 10720/2019 – C9-0105/2019

Rapporteur għal opinjoni: Zbigniew Kuźmiuk

L-abbozz ta' opinjoni ġie adottat: favur: 34; kontra: 2; astensjonijiet: 9.

Kelliem: Norbert Lins

****** Għeluq tal-votazzjoni elettronika ******

**6. Preżentazzjoni dwar il-ħidma tad-Dipartiment Tematiku għall-Politika Strutturali u ta' Koeżjoni**

***Kelliema***: Norbert Lins, Johannes Litzelmann

**7. Studju dwar "Xejriet kbar fis-settur agroalimentari: stampa globali u rispons ta' politika possibbli mill-perspettiva tal-UE". Preżentazzjoni mis-Sa Monica Pesce (VVA Brussels) u s-Sur Daniel Traon (Arcadia). L-istudju ntalab mill-Kumitat AGRI, u ġie kkummissjonat u ġestit mid-Dipartiment Tematiku B**

***Kelliema:*** Norbert Lins, Monica Pesce (VVA Brussels), Mairead McGuinness, Sarah Wiener, Luke Ming Flanagan, Benoît Biteau, Annie Schreijer-Pierik, Anne Sander, Elsi Katainen, Mazaly Aguilar, Peter Jahr, Bronis Ropė, Isabel Carvalhais, Álvaro Amaro, Martin Häusling, Herbert Dorfmann, Asger Christensen, Franc Bogovič, Paolo De Castro, Daniel Buda, Francisco Guerreiro, Irène Tolleret, Bert-Jan Ruissen, Jérémy Decerle, Gilles Lebreton, Marlene Mortler, Petros Kokkalis, Ivan David, Tassos Haniotis (DG AGRI), Daniel Traon (Arcadia)

Il-laqgħa ġiet aġġornata fil-11.03 u wara saret laqgħa tal-Koordinaturi bil-magħluq.

* * *

**8. Laqgħa tal-Koordinaturi**

Il-koordinaturi ltaqgħu bil-magħluq. Id-deċiżjonijiet tagħhom ġew approvati mill-Kumitat it-Tlieta 5 ta' Novembru 2019.

* * *

Il-laqgħa tkompliet fis-14.38, ippreseduta minn Norbert Lins (President).

**9. Skambju ta' fehmiet mar-rappreżentanti tal-Kummissjoni (DG AGRI, DĠ COMP u DĠ KUMMERĊ) dwar il-prospetti fit-tul għas-settur tal-laħam taċ-ċanga Ewropew**

***Kelliema***: Norbert Lins, Michael Scannell (DG AGRI), Paul Csiszár (DG COMP), Falvio Coturni (DG KUMMERĊ), Anne Sander, Mairead McGuinness, Mazaly Aguilar, Jarosław Kalinowski, Asim Ademov, Simone Schmiedtbauer, Elsi Katainen, Jérémy Decerle, Sheila Ritchie, Ivan David, Annie Schreijer-Pierik, Gilles Lebreton, Luke Ming Flanagan, Zbigniew Kuźmiuk, Daniel Buda, Bronis Ropė, Francisco Guerreiro, Krzysztof Jurgiel, Marlene Mortler, Sarah Wiener

**10. L-istabbiliment tal-Programm għas-suq uniku, għall-kompetittività tal-intrapriżi, inkluż l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, u għall-istatistika Ewropea**

*** 2018/0231(COD) COM(2018)0441 – C8-0254/2018

***Kelliema:*** Norbert Lins, Simone Schmiedtbauer

**11. Preżentazzjoni minn rappreżentant tal-Kummissjoni (DĠ AGRI) ta':**

**- Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1306/2013 fir-rigward tad-dixxiplina finanzjarja mis-sena finanzjarja 2021 u r-Regolament (UE) Nru 1307/2013 fir-rigward tal-flessibbiltà bejn il-pilastri fir-rigward tas-sena 2020; u**

**- Proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi ċerti dispożizzjonijiet tranżizzjonali għall-appoġġ mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) fis-sena 2021 u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 228/2013, (UE) Nru 229/2013 u (UE) Nru 1308/2013 fir-rigward tar-riżorsi u d-distribuzzjoni tagħhom fir-rigward tas-sena 2021 u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013, (UE) Nru 1306/2013 u (UE) Nru 1307/2013 fir-rigward tar-riżorsi u l-applikazzjoni tagħhom fis-sena 2021**

***Kelliema***: Norbert Lins, Michael Niejahr (DG AGRI), Herbert Dorfmann, Paolo De Castro, Martin Hlaváček, Martin Häusling, Ivan David, Zbigniew Kuźmiuk, Luke Ming Flanagan, Asger Christensen, Álvaro Amaro, Clara Aguilera, Atidzhe Alieva-Veli, Elsi Katainen, Balázs Hidvéghi, Sarah Wiener, Isabel Carvalhais, Irène Tolleret, Peter Jahr, Anne Sander, Bronis Ropė, Daniel Buda, Annie Schreijer-Pierik, Simone Schmiedtbauer

**12. Approvazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet maħruġa mill-Koordinaturi tal-Kumitat AGRI**

**1. <u>SKAMBJU TA' FEHMIET MAR-RAPPORTEURS DWAR IL-PROPOSTI LEĠIŻLATTIVI TAL-PAK - IL-PASSI LI JMISS</u>**

*Deċiżjoni:* *Ir-Rapporteurs għandhom jagħtu rendikontlill-Koordinaturi fil-laqgħa tagħhom li jmiss tal-4 u l-5 ta' Diċembru.*

## 2. ATTRIBUZZJONI TAR-RAPPORTI

2.1. Proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1306/2013 fir-rigward tad-dixxiplina finanzjarja mis-sena finanzjarja 2021 u r-Regolament (UE) Nru 1307/2013 fir-rigward tal-flessibbiltà bejn il-pilastri fir-rigward tas-sena kalendarja 2020
COM(2015) 580 final – 2015/0283 (COD)

*Deċiżjoni:* *Proċedura simplifikata skont l-Artikolu 52 u l-President għandu jabbozza rapport*

2.2. Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi ċerti dispożizzjonijiet tranżizzjonali għall-appoġġ mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) fis-sena 2021 u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 228/2013, (UE) Nru 229/2013 u (UE) Nru 1308/2013 fir-rigward tar-riżorsi u d-distribuzzjoni tagħhom fir-rigward tas-sena 2021 u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013, (UE) Nru 1306/2013 u (UE) Nru 1307/2013 fir-rigward tar-riżorsi u l-applikazzjoni tagħhom fis-sena 2021
COM(2019) 581 final – 2019/0206 (COD).

*Deċiżjoni:* *Ir-rapport jiġi allokat lil Grupp Politiku (3 punti)*

## 3. ATTRIBUZZJONI TAL-OPINJONIJIET

3.1. Il-ftuħ ta' kwota tariffarja awtonoma għall-importazzjonijiet ta' laħam taċ-ċanga ta' kwalità għolja 2019/0412M(NLE)

*Deċiżjoni:* *L-ebda opinjoni għar-riżoluzzjoni tal-Kumitat INTA li takkumpanja r-rakkomandazzjoni*

## 4. PETIZZJONIJIET

4.1. Petizzjoni 0160/2018, imressqa minn Jonas Vilionis, ta' ċittadinanza Litwana, f'isem il-Kunsill Litwan għall-Agrikoltura u l-Ikel, bi 52 359 firma, dwar l-inugwaljanza fil-pagamenti taħt il-Politika Agrikola Komuni tal-UE fil-Litwanja

*Deċiżjoni:* *L-abbozz ta' opinjoni dwar il-petizzjoni msemmija hawn fuq kif jidher fl-Anness I ġie approvat*

## 5. SEDUTI TA' SMIGĦ

5.1. Seduta ta' smigħ pubbliku tal-Kumitat AGRI dwar ir-Riforma tal-PAK

*Deċiżjoni:* *Il-ħames esperti li ġejjin, li jista' jingħatalhom rimborż, se jiġu mistiedna jattendu dan is-Smigħ Pubbliku:*

*Panel 1: Pjanijiet Strateġiċi*
*- Harald GRETHE, Università Humboldt Berlin*

*Panel 2: Il-Finanzjament, l-Immaniġġjar u l-Monitoraġġ tal-PAK*
*- Martin PYCHA, Assoċjazzjoni Agrikola tar-Repubblika Ċeka*
*- Joao PACHECO, Farm Europe*

*Panel 3 Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq*
*- Pedro GALLARDO, Grupp ta' Ħidma COPA-COGECA fuq iż-żrieragħ taż-żejt*

*- Édouard ROUSSEAU, INTERBIO Nouvelle-Aquitaine*

5.2. Seduta ta' smigħ pubbliku tal-Kumitati PETI-ENVI-AGRI dwar il-Lupi

Deċiżjoni: *Iż-żewġ esperti li jingħatalhom rimborż li ġejjin se jiġu mistiedna jattendu dan is-Smigħ Pubbliku:*

*- Arie Trouwborst*
*- Michèle Boudoin*

5.3. Seduta ta' smigħ pubbliku tal-Kumitati PETI-AGRI dwar "Trattament ġust u ekwu għall-bdiewa fl-Ewropa kollha"

Deċiżjoni: *Id-deċiżjoni dwar dan il-punt ġiet posposta għal-laqgħa li jmiss tal-Koordinaturi*

**6. TALBIET GĦALL-INKLUŻJONI TA' PUNTI FL-AĠENDI TAL-LAQGĦAT LI JMISS TAL-KUMITAT**

6.1. Proposta mis-Segretarjat - Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri: Rapporti Speċjali relatati mal-agrikoltura

Deċiżjoni: *Wara l-pubblikazzjoni tar-Rapporti Speċjali tal-QEA, il-Koordinaturi sejrin jiddeċiedu każ b'każ*

6.2. Proposta mis-Segretarjat - Skambju ta' fehmiet mal-Aġenziji tal-Pagamenti dwar l-impatt tat-tħaddim tal-Mudell Ġdid ta' Implimentazzjoni

Deċiżjoni: *F'Diċembru jiġi organizzat skambju ta' fehmiet ma' rappreżentanti ta' 3 Aġenziji tal-Pagamenti*

*Il-Gruppi Politiċi għandhom iressqu proposti għal kwistjonijiet li għandhom jiġu koperti mill-Aġenziji tal-Pagamenti sad-data ta' skadenza tas-7 ta' Novembru (f'nofsinhar).*

6.3. Proposta mid-DG SANTE - Skambju ta' fehmiet ma' Paola Colombo, Direttur tad-Direttorat F tad-DG SANTE, Awditi u analiżi tas-saħħa u tal-ikel (dari l-Uffiċċju Alimentari u Veterinarju)

Deċiżjoni: *Id-Direttur tad-Direttorat F tad-DG SANTE, Awditi u analiżi tas-saħħa u tal-ikel, jiġi mistieden jieħu sehem fi skambju ta' fehmiet f'laqgħa li ġejja tal-Kumitat AGRI*

6.4. Talba mis-Sur De Castro (S&D, IT) – Preżentazzjoni ta' Studju tal-Kummissjoni dwar Organizzazzjonijiet tal-Produtturi (POs) u Assoċjazzjonijiet ta' Organizzazzjonijiet tal-Produtturi (APOs)

Deċiżjoni: *Rappreżentanti tal-Kummissjoni jiġu mistiedna għal laqgħa tal-Kumitat AGRI f'Jannar 2020 biex jippreżentaw l-istudju msemmi hawn fuq*

6.5. BREXIT – Opinjoni tal-Kumitat AGRI rigward ir-rapport tal-Kumitat AFCO dwar il-Ħruġ

Deċiżjoni: *Mairead McGuinness maħtura bħala Rapporteur Permanenti għal kwistjonijiet marbuta mal-Brexit*

## 7. DEĊIŻJONIJIET VARJI

7.1. Ħatra ta' rapporteurs permanenti għal diversi kwistjonijiet tal-komitoloġija

*Deċiżjoni:* *Posposta għal-laqgħa tal-Koordinaturi li jmiss*

7.2. Rapport fuq inizjattiva proprja tal-Kumitat AGRI dwar "L-Istrateġija Ewropea għall-Foresti" – il-Qagħda Kurrenti

*Deċiżjoni:* *Is-Segretarjat jingħata struzzjonijiet biex jinforma lill-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati malli jintlaħaq qbil mal-Kumitat ENVI dwar il-kompetenza kondiviża u esklużiva*

7.3. Rapport fuq inizjattiva proprja tal-Kumitat AGRI dwar "It-Triq 'il Quddiem u Intensifikazzjoni tal-Azzjoni tal-UE għall-Protezzjoni u r-Ristawr tal-Foresti tad-Dinja" - il-Qagħda Kurrenti

*Deċiżjoni:* *Il-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati tiġi infurmata li l-Kumitat AGRI jaqbel mal-istatus assoċjat*

## 8. DOKUMENTI OĦRA GĦAL SKOPIJIET TA' INFORMAZZJONI

*Deċiżjoni:* *Ma tittieħed l-ebda azzjoni rigward id-dokumenti inklużi fl-Anness II*

***

**ANNESS I**

**Petizzjoni għall-opinjoni**

Is-Sa Dolors Montserrat
Il-President
Kumitat għall-Petizzjonijiet
ASP 10E101
Brussell

Ref.: IPOL-COM-AGRI D(2019)

**<u>Suġġett:</u> Opinjoni dwar il-Petizzjoni 0160/2018 dwar l-inugwaljanza fil-pagamenti tal-PAK fil-Litwanja**

Għażiża Sinjura Montserrat,

Il-Kumitat għall-Petizzjonijiet, b'ittra tad-19 ta' Frar 2019, bagħat il-petizzjoni inkwistjoni lill-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali għall-opinjoni.

Il-petizzjonant, li qed jaġixxi f'isem għadd ta' organizzazzjonijiet Litwani fis-settur agrikolu, jilmenta li s-sistema tal-PAK tal-pagamenti diretti tpoġġi lill-bdiewa Litwani f'pożizzjoni żvantaġġata meta mqabbla mal-kontropartijiet tagħhom fil-pajjiżi tal-Ewropa tal-Punent, peress li l-pagamenti lill-bdiewa Litwani huma ferm aktar baxxi. Huwa jsostni li s-sistema ta' pagamenti diretti kienet diġà diskriminatorja fl-2014, jiġifieri fi tmiem il-perjodu tranżitorju ta' għaxar snin wara l-adeżjoni tal-Litwanja mal-UE, u għadha diskriminatorja fil-perjodu finanzjarju attwali tal-2014-2020. Fid-dawl tal-ewwel linji gwida tal-PAK għall-perjodu finanzjarju li jmiss, li saru magħrufa, il-petizzjonant iqis, barra minn hekk, li pagamenti mhux diskriminatorji, ġusti u ugwali, mhux se japplikaw għall-bdiewa Litwani anki wara l-2020.

Fiż-żewġ tweġibiet tagħha lill-Kumitat PETI dwar din il-petizzjoni, il-Kummissjoni l-ewwel indikat li d-dħul gradwali ta' pagamenti diretti fi tmiem il-perjodu tranżitorju ta' għaxar snin wara l-adeżjoni tal-Litwanja għandu jkun distint b'mod ċar mill-konverġenza tal-pagamenti diretti, peress li din tal-aħħar tittratta t-tnaqqis gradwalment tad-differenzi bejn l-Istati Membri fil-livelli ta' għajnuna għal kull ettaru (l-hekk imsejħa "konverġenza esterna"). L-ewwel pass lejn tali konverġenza kien maqbul fi Frar 2013 bħala parti mill-ftehim ġenerali dwar il-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) għall-2014-2020. Qabel dan, id-daqs taż-żona agrikola ma ntużax direttament bħala kriterju biex jiġu determinati l-allokazzjonijiet nazzjonali. Skont il-Kummissjoni, dan jispjega d-differenzi bejn l-Istati Membri meta jiġi espress l-appoġġ għal kull ettaru. Għalhekk, il-pagamenti diretti fi Stat Membru, anki meta jkunu ddaħħlu gradwalment għal-livell ta' 100%, mhux neċessarjament jissarrfu fil-medja tal-UE għal kull ettaru.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni nnutat li jeżistu wkoll differenzi bejn l-Istati Membri li ssieħbu fl-UE qabel l-2004, li jirriflettu l-għażliet politiċi li ttieħdu sa issa fir-rigward tal-allokazzjoni tal-appoġġ. Il-Kummissjoni sostniet ukoll li l-implimentazzjoni tal-konverġenza

tal-pagamenti diretti bħalissa hi ta' benefiċċju tal-bdiewa Litwani. Barra minn hekk, il-Kummissjoni rreferiet għall-pakkett tagħha mressaq riċentement (il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-QFP li jmiss, ippreżentata fit-2 ta' Mejju 2018, u l-proposta tal-Kummissjoni dwar il-PAK wara l-2020, ippreżentata fl-1 ta' Ġunju 2018), u rrimarkat li hija qed tipproponi kontinwazzjoni sinifikanti tal-konverġenza tal-livelli ta' pagament dirett għal kull ettaru bejn l-Istati Membri; essenzjalment, qed tipproponi li għall-Istati Membri kollha b'pagamenti diretti taħt id-90% tal-medja tal-UE, id-differenza bejn il-livell attwali tagħhom u 90% tal-medja tal-UE għandha tonqos b'50% matul il-QFP li jmiss.

Il-Koordinaturi tal-Kumitat AGRI, fil-laqgħa tagħhom tal-5 ta' Novembru 2019, ħadu nota sew tal-petizzjoni inkwistjoni.

Il-Koordinaturi tal-Kumitat AGRI jixtiequ jenfasizzaw li l-allokazzjonijiet futuri għall-PAK jiddependu direttament mill-eżitu tan-negozjati bejn l-istituzzjonijiet tal-UE dwar il-pakkett tal-Kummissjoni dwar il-PAK wara l-2020 u l-QFP għall-2021-2027. Fil-fatt, il-kwistjoni tal-konverġenza tal-pagamenti diretti bejn l-Istati Membri tiddependi wkoll fuq dak l-eżitu. Għalhekk, il-Kumitat AGRI ma jistax jagħti indikazzjoni ċara lill-petizzjonant sakemm iż-żewġ proċeduri leġiżlattivi dwar il-PAK wara l-2020 u dwar il-QFP għall-2021–2027 ikunu pendenti.

Fl-aħħar nett, meta titqies ir-rabta bejn il-kwistjoni tal-konverġenza esterna tal-pagamenti diretti u l-baġit tal-PAK li għandu jiġi adottat taħt il-QFP għall-2021-2027, il-Koordinaturi tal-Kumitat AGRI jirrakkomandaw lill-Kumitat PETI biex jirreferi din il-petizzjoni lill-Kumitat għall-Baġits tal-Parlament sabiex dan jikkunsidraha matul l-attivitajiet leġiżlattivi ulterjuri tiegħu.

Dejjem tiegħek,

Norbert LINS

## ANNESS II

8.1. Proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fit-Tmien Sessjoni tal-Korp Governattiv tat-Trattat Internazzjonali dwar ir-Riżorsi Ġenetiċi tal-Pjanti għall-Ikel u l-Agrikoltura
COM(2019) 428 final - 2019/0201 (NLE)

8.2. Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tal-4.9.2019 li tawtorizza derogi mir-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u mir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 639/2014 fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' ċerti kundizzjonijiet li jirrigwardaw il-pagament ta' ekoloġizzazzjoni għas-sena tat-talba 2019 fil-Belġju, fi Spanja, fi Franza, fil-Litwanja, fil-Polonja u fil-Portugall.
C(2019) 6438 final

8.3. Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill – It-30 Rapport Annwali dwar il-Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea — Ġlieda kontra l-Frodi - 2018
COM(2019) 444 final - SWD(2019) 361 final - SWD(2019) 362 final - SWD(2019) 363 final - SWD(2019) 364 final - SWD(2019) 365 final

8.4. Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew u lill-Kunsill - Wasal il-waqt li niddeċiedu dwar il-qafas finanzjarju tal-Unjoni għall-2021-2027: Il-kontribut tal-Kummissjoni Ewropea għal-laqgħa tal-Kunsill Ewropew tas-17-18 ta' Ottubru 2019
COM(2019) 456 final

8.5. Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-iżvilupp, il-validazzjoni u l-aċċettazzjoni legali ta' metodi alternattivi għall-ittestjar fuq l-annimali fil-qasam tal-kożmetiċi (2018)
COM(2019) 479 final

8.6. Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-eżerċitar tas-setgħa li jadotta atti delegati mogħtija lill-Kummissjoni skont ir-Regolament (UE) 2015/1017 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2015 dwar il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi, iċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti u l-Portal Ewropew ta' Proġetti ta' Investiment u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1291/2013 u (UE) Nru 1316/2013 - il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi kif emendat bir-Regolament (UE) 2017/2396 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2017 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1316/2013 u (UE) 2015/1017 fir-rigward tal-estensjoni tad-durata tal-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi kif ukoll l-introduzzjoni ta' titjib tekniku għal dak il-Fond u għaċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti
COM(2019) 485 final

8.7. Ittra emendatorja Nru 1 għall-Abbozz tal-Baġit Ġenerali 2020 - Aġġornament tal-ħtiġijiet stmati għan-nefqa agrikola Aġġustamenti marbuta mal-proposti leġiżlattivi inklużi fil-pakkett ta' tħejjija għall-Brexit tal-4 ta' Settembru 2019 - Tisħiħ ta' baġits amministrattivi u aġġornamenti oħra abbażi ta' żviluppi reċenti - Aġġustament tal-

istruttura tal-baġit u korrezzjoni teknika
COM(2019) 487 final

8.8. Evalwazzjoni tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar l-appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 dwar il-miżuri tal-forestrija taħt l-Iżvilupp Rurali
SWD(2019) 389 final - SWD(2019) 391 final

8.9. Il-Kunsill: Ittra dwar il-ftehim provviżorju milħuq wara n-negozjati interistituzzjonali dwar "l-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim ta' Lisbona dwar id-Denominazzjonijiet ta' Oriġini u Indikazzjonijiet Ġeografiċi: L-azzjoni tal-Unjoni wara l-adeżjoni tagħha mal-Att"
2018/0189(COD)

8.10. Il-Kunsill: L-Assemblea Ġenerali straordinarja tal-OIV, 18 ta' Ottubru 2019 — L-istabbiliment tal-pożizzjoni tal-Unjoni dwar l-abbozz ta' riżoluzzjoni tal-OIV OENO-TECHNO
12939/19

8.11. Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) Fond Ewropew għal Investimenti Strateġiċi - Deċiżjonijiet meħuda mill-Kumitat ta' Investiment tal-FEIS f'Ottubru 2019

## 13. Kwistjonijiet varji

Xejn.

## 14. Laqgħat li jmiss

It-18 ta' Novembru 2019, 14.30 – 16.00 u 16.00 – 18.30 (Brussell)
L-4 ta' Diċembru 2019, 9.00 – 12.30 u 14.30 – 18.30 (Brussell)
Il-5 ta' Diċembru 2019, 9.00 – 12.30 (Brussell)

Il-laqgħa ntemmet fil-17.10.

## Results of roll-call votes

### Contents

1. EU/USA Agreement on the Allocation of a Share in the Tariff Rate Quota for imports of high-quality beef ... 12
1.1. Final vote ... 12
Key to symbols: ... 12
2. Conclusion of the Agreement in the form of an exchange of letters between the European Union and Ukraine amending the trade preferences for poultry meat and poultry meat preparations provided for by the Association Agreement between the European Union and the European Atomic Energy Community and their Member States, of the one part, and Ukraine, of the other part ... 13
2.1. Final vote ... 13
Key to symbols: ... 13

Key to symbols:
+ : in favour
- : against
0 : abstention

1. EU/USA Agreement on the Allocation of a Share in the Tariff Rate Quota for imports of high-quality beef

1.1. Final vote

| 33 | + |
|---|---|
| ECR | Mazaly Aguilar, Krzysztof Jurgiel, Zbigniew Kuźmiuk, Veronika Vrecionová |
| NI | Dino Giarrusso |
| PPE | Álvaro Amaro, Franc Bogovič, Daniel Buda, Herbert Dorfmann, Peter Jahr, Jarosław Kalinowski, Norbert Lins, Mairead McGuinness, Marlene Mortler, Anne Sander, Annie Schreijer-Pierik, Michal Wiezik |
| RENEW | Atidzhe Alieva-Veli, Asger Christensen, Dacian Cioloş, Jérémy Decerle, Martin Hlaváček, Elsi Katainen, Sheila Ritchie |
| S&D | Clara Aguilera, Attila Ara-Kovács, Carmen Avram, Adrian-dragoş Benea, Isabel Carvalhais, Paolo De Castro, Ivo Hristov, Juozas Olekas, Pina Picierno |

| 7 | - |
|---|---|
| GUE/NGL | Lucke Ming Flanagan |
| ID | Ivan David, Gilles Lebreton |
| Verts/ALE | Francisco Guerreiro, Martin Häusling, Bronis Ropė, Sarah Wiener |

| 3 | 0 |
|---|---|
| GUE/NGL | Anja Hazekamp, Petros Kokkalis |
| S&D | Maria Noichl |

| | Corrections to votes and voting intentions |
|---|---|
| + | |
| - | |
| 0 | |

Key to symbols:
+ : in favour
- : against
0 : abstention

2. Conclusion of the Agreement in the form of an exchange of letters between the European Union and Ukraine amending the trade preferences for poultry meat and poultry meat preparations provided for by the Association Agreement between the European Union and the European Atomic Energy Community and their Member States, of the one part, and Ukraine, of the other part

2.1. Final vote

| 34 | + |
|---|---|
| ECR | Mazaly Aguilar, Krzysztof Jurgiel, Zbigniew Kuźmiuk, Veronika Vrecionová |
| NI | Dino Giarrusso |
| PPE | Álvaro Amaro, Franc Bogovič, Daniel Buda, Herbert Dorfmann, Peter Jahr, Jarosław Kalinowski, Norbert Lins, Mairead McGuinness, Marlene Mortler, Anne Sander, Annie Schreijer-Pierik, Michal Wiezik, Juan Ignacio Zoido Álvarez |
| Renew | Atidzhe Alieva-Veli, Asger Christensen, Dacian Cioloş, Jérémy Decerle, Martin Hlaváček, Elsi Katainen, Sheila Ritchie |
| S&D | Clara Aguilera, Attila Ara-Kovács, Carmen Avram, Adrian-dragoş Benea, Isabel Carvalhais, Paolo De Castro, Ivo Hristov, Juozas Olekas, Pina Picierno |

| 9 | - |
|---|---|
| GUE/NGL | Luke Ming Flanagan, Anja Hazekamp, Petros Kokkalis |
| ID | Ivan David, Gilles Lebreton |
| Verts/ALE | Benoît Biteau, Francisco Guerreiro, Martin Häusling, Sarah Wiener |

| 2 | 0 |
|---|---|
| S&D | Maria Noichl |
| Verts/ALE | Bronis Ropė |

| | Corrections to votes and voting intentions |
|---|---|
| + | |
| - | |
| 0 | |

Key to symbols:
+ : in favour
- : against
0 : abstention

**ПРИСЪСТВЕН ЛИСТ/LISTA DE ASISTENCIA/PREZENČNÍ LISTINA/DELTAGERLISTE/ ANWESENHEITSLISTE/KOHALOLIJATE NIMEKIRI/ΚΑΤΑΣΤΑΣΗ ΠΑΡΟΝΤΩΝ/RECORD OF ATTENDANCE/ LISTE DE PRÉSENCE/POPIS NAZOČNIH/ELENCO DI PRESENZA/APMEKLĒJUMU REĢISTRS/DALYVIŲ SĄRAŠAS/ JELENLÉTI ÍV/REĠISTRU TA' ATTENDENZA/PRESENTIELIJST/LISTA OBECNOŚCI/LISTA DE PRESENÇAS/ LISTĂ DE PREZENȚĂ/PREZENČNÁ LISTINA/SEZNAM NAVZOČIH/LÄSNÄOLOLISTA/NÄRVAROLISTA**

| |
|---|
| Бюро/Mesa/Předsednictvo/Formandskabet/Vorstand/Juhatus/Προεδρείο/Bureau/Predsjedništvo/Ufficio di presidenza/Prezidijs/ Biuras/Elnökség/Prezydium/Birou/Predsedníctvo/Predsedstvo/Puheenjohtajisto/Presidiet (*) |
| Norbert Lins, Francisco Guerreiro, Daniel Buda, Mazaly Aguilar, Elsi Katainen |
| Членове/Diputados/Poslanci/Medlemmer/Mitglieder/Parlamendiliikmed/Βουλευτές/Members/Députés/Zastupnici/Deputati/Deputāti/ Nariai/Képviselõk/Membri/Leden/Posłowie/Deputados/Deputați/Jäsenet/Ledamöter |
| Clara Aguilera, Álvaro Amaro, Attila Ara-Kovács, Carmen Avram, Adrian-Dragoş Benea, Benoît Biteau, Isabel Carvalhais, Asger Christensen, Dacian Cioloş, Ivan David, Paolo De Castro, Jérémy Decerle, Herbert Dorfmann, Luke Ming Flanagan, Dino Giarrusso, Martin Hlaváček, Martin Häusling, Krzysztof Jurgiel, Jarosław Kalinowski, Gilles Lebreton, Mairead McGuinness, Marlene Mortler, Maria Noichl, Juozas Olekas, Pina Picierno, Sheila Ritchie, Bronis Ropė, Bert-Jan Ruissen, Anne Sander, Simone Schmiedtbauer, Annie Schreijer-Pierik, Veronika Vrecionová, Sarah Wiener, Juan Ignacio Zoido Álvarez |
| Заместници/Suplentes/Náhradníci/Stedfortrædere/Stellvertreter/Asendusliikmed/Αναπληρωτές/Substitutes/Suppléants/Zamjenici/ Supplenti/Aizstājēji/Pavaduojantysnariai/Póttagok/Sostituti/Plaatsvervangers/Zastępcy/Membros suplentes/Supleanți/Náhradníci/ Namestniki/Varajäsenet/Suppleanter |
| Asim Ademov, Atidzhe Alieva-Veli, Franc Bogovič, Anna Deparnay-Grunenberg, Lena Düpont, Giuseppe Ferrandino, Charles Goerens, Anja Hazekamp, Balázs Hidvéghi, Pär Holmgren, Jan Huitema, Peter Jahr, Manolis Kefalogiannis, Petros Kokkalis, Zbigniew Kuźmiuk, Sylvia Limmer, Benoît Lutgen, Christine Schneider, Irène Tolleret, Michaela Šojdrová, Michal Wiezik |

| | |
|---|---|
| 209 (7) | |
| | |
| 216 (3) | |
| | |
| 56 (8) (Точка от дневния ред/Punto del orden del día/Bod pořadu jednání (OJ)/Punkt på dagsordenen/Tagesordnungspunkt/ Päevakorra punkt/Σημείο της ημερήσιας διάταξης/Agenda item/Point OJ/Točka dnevnog reda/Punto all'ordine del giorno/Darba kārtības punkts/Darbotvarkės punktas/Napirendi pont/Punt Aġenda/Agendapunt/Punkt porządku dziennego/Ponto OD/Punct de pe ordinea de zi/Bod programu schôdze/Točka UL/Esityslistan kohta/Punkt på föredragningslistan) | |
| | |

Присъствал на/Presente el/Přítomný dne/Til stede den/Anwesend am/Viibis(id) kohal/Παρών στις/Present on/Présent le/Nazočni dana/Presente il/Piedalījās/ Dalyvauja/Jelen volt/Preżenti fi/Aanwezig op/Obecny dnia/Presente em/Prezent/Prítomný dňa/Navzoči dne/Läsnä/Närvarande den:

(1) 5.11.2019

| Наблюдатели/Observadores/Pozorovatelé/Observatører/Beobachter/Vaatlejad/Παρατηρητές/Observers/Observateurs/Promatrači/Osservatori/Novērotāji/Stebėtojai/Megfigyelők/Osservaturi/Waarnemers/Obserwatorzy/Observadores/Observatori/Pozorovatelia/Opazovalci/Tarkkailijat/Observatörer |
| --- |
| |

| По покана на председателя/Por invitación del presidente/Na pozvání předsedy/Efter indbydelse fra formanden/Auf Einladung des Vorsitzenden/Esimehe kutsel/Με πρόσκληση του Προέδρου/At the invitation of the Chair/Sur l'invitation du président/ Na poziv predsjednika/Su invito del presidente/Pēc priekšsēdētāja uzaicinājuma/Pirmininkui pakvietus/Az elnök meghívására/ Fuq stedina taċ-'Chairman'/Op uitnodiging van de voorzitter/Na zaproszenie Przewodniczącego/A convite do Presidente/La invitaţia preşedintelui/Na pozvanie predsedu/Na povabilo predsednika/Puheenjohtajan kutsusta/På ordförandens inbjudan |
| --- |
| Monica Pesce (VVA Brussels), Mr Daniel Traon (Arcadia) |

| Съвет/Consejo/Rada/Rådet/Rat/Nõukogu/Συμβούλιο/Council/Conseil/Vijeće/Consiglio/Padome/Taryba/Tanács/Kunsill/Raad/Conselho/Consiliu/Svet/Neuvosto/Rådet (*) | |
| --- | --- |
| | |
| Комисия/Comisión/Komise/Kommissionen/Kommission/Komisjon/Επιτροπή/Commission/Komisija/Commissione/Bizottság/Kummissjoni/Commissie/Komisja/Comissão/Comisie/Komisia/Komissio/Kommissionen (*) | |
| Gael Cabassut (DG AGRI), Paul Csiszár (DG COMP), Falvio Coturni (DG TRADE), Alberto D'Avino (DG AGRI), Luuk De Klein (DG COMP), Antonio Di Giulio (DG SANTE), Christine Franke (DG AGRI), Tassos Haniotis (DG AGRI), Kaido Kroon (DG AGRI), Adrien Mexis (DG COMP), Brigitte Misonne (DG AGRI), Davide Nicodemo (DG AGRI), Michael Niejahr (DG AGRI), Recetta-Liisa Saarinen (DG AGRI), Michael Scannel (DG AGRI), Ingela Scheer-Hennings (DG COMP) | |
| Други институции и органи/Otras instituciones y organismos/Ostatní orgány a instituce/Andre institutioner og organer/Andere Organe und Einrichtungen/Muud institutsioonid ja organid/Λοιπά θεσμικά όργανα και οργανισμοί/Other institutions and bodies/Autres institutions et organes/Druge institucije i tijela/Altre istituzioni e altri organi/Citas iestādes un struktūras/Kitos institucijos ir įstaigos/Más intézmények és szervek/Istituzzjonijiet u korpi oħra/Andere instellingen en organen/Inne instytucje i organy/Outras instituições e outros órgãos/Alte instituții și organe/Iné inštitúcie a orgány/Muut toimielimet ja elimet/Andra institutioner och organ | |
| | Merwan Souaci (Ministry of Agriculture of France), Louis Van Ginneken (Permanent Representation of the Netherlands to the EU) |

| Други участници/Otros participantes/Ostatní účastníci/Endvidere deltog/Andere Teilnehmer/Muud osalejad/Επίσης παρόντες/Other participants/Autres participants/Drugi sudionici/Altri partecipanti/Citi klātesošie/Kiti dalyviai/Más résztvevők/Parteċipanti oħra/Andere aanwezigen/Inni uczestnicy/Outros participantes/Alţi participanţi/Iní účastníci/Drugi udeleženci/Muut osallistujat/Övriga deltagare |
| --- |
| |

| Секретариат на политическите групи/Secretaría de los Grupos políticos/Sekretariát politických skupin/Gruppernes sekretariat/ Sekretariat der Fraktionen/Fraktsioonide sekretariaat/Γραμματεία των Πολιτικών Ομάδων/Secretariats of political groups/Secrétariat des groupes politiques/Tajništva klubova zastupnika/Segreteria gruppi politici/Politisko grupu sekretariāts/Frakcijų sekretoriai/ Képviselőcsoportok titkársága/Segretarjat gruppi politiċi/Fractiesecretariaten/Sekretariat Grup Politycznych/Secretariado dos grupos políticos/Secretariate grupuri politice/Sekretariát politických skupín/Sekretariat političnih skupin/Poliittisten ryhmien sihteeristöt/ De politiska gruppernas sekretariat | |
|---|---|
| PPE | Alwyn Strange, Marcin Trojanowski |
| S&D | Maggie Coulthard |
| Renew | Javier Poza Llorente, Laura Real |
| Verts/ALE | Juliette Leroux, Harriet Clayton |
| ID | Philippe Chevallier-Chantepie |
| ECR | Christine Van Dijk, Jarka Chloupkova |
| GUE/NGL | Dominik Zganek |
| NI | Xhoela Hodo |

| Кабинет на председателя/Gabinete del Presidente/Kancelář předsedy/Formandens Kabinet/Kabinett des Präsidenten/Presidendi kantselei/Γραφείο του Προέδρου/President's Office/Cabinet du Président/Ured predsjednika/Gabinetto del Presidente/Priekšsēdētāja kabinets/Pirmininko kabinetas/Elnöki hivatal/Kabinett tal-President/Kabinet van de Voorzitter/Gabinet Przewodniczącego/Gabinete do Presidente/Cabinet Preşedinte/Kancelária predsedu/Urad predsednika/Puhemiehen kabinetti/Talmannens kansli | |
|---|---|
| | |
| Кабинет на генералния секретар/Gabinete del Secretario General/Kancelář generálního tajemníka/Generalsekretærens Kabinet/ Kabinett des Generalsekretärs/Peasekretäri büroo/Γραφείο του Γενικού Γραμματέα/Secretary-General's Office/Cabinet du Secrétaire général/Ured glavnog tajnika/Gabinetto del Segretario generale/Ģenerālsekretāra kabinets/Generalinio sekretoriaus kabinetas/ Főtitkári hivatal/Kabinett tas-Segretarju Ġenerali/Kabinet van de secretaris-generaal/Gabinet Sekretarza Generalnego/Gabinete do Secretário-Geral/Cabinet Secretar General/Kancelária generálneho tajomníka/Urad generalnega sekretarja/Pääsihteerin kabinetti/ Generalsekreterarens kansli | |
| | |
| Генерална дирекция/Dirección General/Generální ředitelství/Generaldirektorat/Generaldirektion/Peadirektoraat/Γενική Διεύθυνση/ Directorate-General/Direction générale/Glavna uprava/Direzione generale/Ģenerāldirektorāts/Generalinis direktoratas/Főigazgatóság/ Direttorat Ġenerali/Directoraten-generaal/Dyrekcja Generalna/Direcção-Geral/Direcţii Generale/Generálne riaditeľstvo/Generalni direktorat/Pääosasto/Generaldirektorat | |
| DG PRES | Johannes Litzelmann, François Negre, Albert Massot |
| DG IPOL | |
| DG EXPO | Rachelle Rossi |
| DG EPRS | Jan Jakubov |
| DG COMM | |
| DG PERS | |
| DG INLO | |
| DG TRAD | |
| DG LINC | |
| DG FINS | |
| DG ITEC | |
| DG SAFE | |

| |
|---|
| Правна служба/Servicio Jurídico/Právní služba/Juridisk Tjeneste/Juristischer Dienst/Õigusteenistus/Νομική Υπηρεσία/Legal Service/ Service juridique/Pravna služba/Servizio giuridico/Juridiskais dienests/Teisės tarnyba/Jogi szolgálat/Servizz legali/Juridische Dienst/ Wydział prawny/Serviço Jurídico/Serviciu Juridic/Právny servis/Oikeudellinen yksikkö/Rättstjänsten |
| Giovanni Mendola |
| Секретариат на комисията/Secretaría de la comisión/Sekretariát výboru/Udvalgssekretariatet/Ausschusssekretariat/Komisjoni sekretariaat/Γραμματεία της επιτροπής/Committee secretariat/Secrétariat de la commission/Tajništvo odbora/Segreteria della commissione/Komitejas sekretariāts/Komiteto sekretoriatas/A bizottság titkársága/Segretarjat tal-kumitat/Commissiesecretariaat/ Sekretariat komisji/Secretariado da comissão/Secretariat comisie/Sekretariat odbora/Valiokunnan sihteeristö/Utskottssekretariatet |
| Patrick Baragiola, Francesca Cionco, Marilia Crespo, Vasilis Magnis, Felix Mittermayer, Tereza Pinto de Rezende, Matej Planinc, Jérémie Requis, Alexandre Rogalski, Marc Thomas |
| Сътрудник/Asistente/Asistent/Assistent/Assistenz/Βοηθός/Assistant/Assistente/Palīgs/Padėjėjas/Asszisztens/Asystent/Pomočnik/ Avustaja/Assistenter |
| Inna Dolgovskaja, Caroline O’Sullivan |

* (P) = Председател/Presidente/Předseda/Formand/Vorsitzender/Esimees/Πρόεδρος/Chair/Président/Predsjednik/Priekšsēdētājs/ Pirmininkas/Elnök/'Chairman'/Voorzitter/Przewodniczący/Preşedinte/Predseda/Predsednik/Puheenjohtaja/Ordförande

(VP) = Заместник-председател/Vicepresidente/Místopředseda/Næstformand/Stellvertretender Vorsitzender/Aseesimees/Αντιπρόεδρος/ Vice-Chair/Potpredsjednik/Vice-Président/Potpredsjednik/Priekšsēdētāja vietnieks/Pirmininko pavaduotojas/Alelnök/ Viċi 'Chairman'/Ondervoorzitter/Wiceprzewodniczący/Vice-Presidente/Vicepreşedinte/Podpredseda/Podpredsednik/ Varapuheenjohtaja/Vice ordförande

(M) = Член/Miembro/Člen/Medlem./Mitglied/Parlamendiliige/Βουλευτής/Member/Membre/Član/Membro/Deputāts/Narys/Képviselő/ Membru/Lid/Członek/Membro/Membru/Člen/Poslanec/Jäsen/Ledamot

(F) = Длъжностно лице/Funcionario/Úředník/Tjenestemand/Beamter/Ametnik/Υπάλληλος/Official/Fonctionnaire/Dužnosnik/ Funzionario/Ierēdnis/Pareigūnas/Tisztviselő/Uffiċjal/Ambtenaar/Urzędnik/Funcionário/Funcţionar/Úradník/Uradnik/Virkamies/ Tjänsteman